MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Numru. 2/2007

**Il-Pulizija**
**(SPETTUR Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**

**JOHN (k/a Ganni) SALIBA imwieled ix-Xewkija, fil-25 ta' Awissu 1966 iben Grazio u Rita xebba Spiteri, residenti "Redentur" Triq l-10 ta' Ottubru 1942, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 27666(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John (k/a Gianni) Saliba, li gie akkuzat:

1. talli fl-20 ta' Novembru 2006 kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa is-Sannat Ghawdex bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li kellu jissorvelja

biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi.

2. akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu, lok, u cirkostanzi bhala persuna li zamm jew qabel li zzomm xi annimal gieghel lill-istess isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dana bi ksur ta'l-artikoli 8(2) u 8(3) ta'l-Att 25 ta'l-2001 Dwar il_Harsein ta'l-Annimali.

3. akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi naqas milli josserva il-provvedimenti ta'l-Avviz Legali 266 ta'l-2003 u b'mod specjali ta'l-Iskeda annessa ma'l-istess Avviz.

4. akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew b'ghajjat jew b'mod iehor.

5. akkuzat ukoll tallif l-istess perijodu, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' awtorita' jew ta' wiehed li ikun inkarigat minn servizz pubbliku.

6. akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament fil-kapitolu 9 jew f'xi ligi ohra ghamel xi haga minghajr licenza ta'l-awtorita' kompetenti, meta din il-licenza hija mehtiega mill-ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita' kompetenti bis-sahha ta' din il-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru 2006 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja (Dokument GS12).

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba mill-prosekuzjoni jirrizulta illi l-imputat fis-snin 2005 u 2006 kien izomm f'bitha u garaxx tar-residenza tieghu gewwa is-Sannat ghadd kbir ta' *poultry* u annimali ohra u cioe' *pony* u *mountain goats* mhux fi stat ta' igjene tajba u f'ambjent mhux idejali ghat-trobbija ta' l-istess tant illi dana seta' jkun ta' perikolu kemm ghall-annimali stess kif ukoll ghas-sahha pubblika. Dana johrog

car mix-xhieda ta' l-ufficjali tal-pulizija u senjalatament ta' l-ufficjal prosekutur stess kif ukoll ta' PC1093 James Cardona u PC1209 Edmond Grima li marru fuq il-post kemm-il darba u setghu jikkonstataw il-fatti li dwarhom huma semmew fix-xhieda taghhom quddiem dina l-Qorti. Inoltre il-prosekuzzjoni esebiet numru sostanzjali ta' ritratti u fotogrammi mehuda minnha stess li minn ezami taghhom, il-Qorti seta' ikollha stampa cara ta' dak li kien qieghed isehh fil-proprjeta ta' l-imputat.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-imputat huwa impjegat mad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji f'Ghawdex u fix-xoghol tieghu huwa jaghmel it-testijiet tad-demm fuq annimali sabiex isiru verifiki jekk dawna l-annimali kienux affetti minn xi mard li jittiehed. Dana jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Frank Galea li jghid ukoll fix-xhieda tieghu ili l-imputat ghandu permess li jkopri t-trobbija ta' moghza wahda biss.

Illi llum jidher illi l-imputat nehha l-annimali in kwistjoni u naddaf l-*area* fejn kien qieghed izommhom.

Illi ghalhekk mill-provi migjuba jirrizulta minghajr dubbju illi l-imputat kiser id-disposizzjonijiet ta' l-Att 25 ta' l-2001 meta huwa rabba annimali f'kundizzjonijiet *sub-standard* u dana fuq medda ta' zmien. Illi bhala ufficjal pubbliku impjegat fil-harsien ta' l-annimali, tant illi huwa involut fil-prevenzjoni ta' mard infettiv bejn l-annimali stess, kellu iktar jiehu hsieb jara illi l-annimali li jrabbi jkunu jghixu f'ambjent nadif u adegwat u li jiehu hsiebhom anke sabiex ma jinxteridx xi mard fost l-istess annimali. Illi mir-ritratti esebiti mill-prosekuzzjoni jidher illi l-annimali kienu qed jitrabbew fi stat pjetuz, fost bcejjec ta' injam, gageg imkissra u hmieg. Mhux biss hekk izda jidher illi l-imputat inghata iktar minn opportunita' wahda sabiex jottempera ruhu mal-ligi izda huwa ripetutament naqas milli jaghmel dana, anzi fl-ahhar spezzjoni li saret il-pulizija qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri fil-konfront tieghu, l-affarijiet marru ghall-aghar tant illi l-imputat anke zied in-numru ta' annimali li kien qieghed irabbi. Il-Ligi stess fl-artikolu 8(3) tal-Att 25 ta' l-2001 tiddisponi:

“Kull min izomm l-annimali jew jaqbel li jzomm annimali ghandu jkun responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom.” Illi l-Iskeda ghall-Avviz Legali 266 ta’ l-2003 tipprovdi il-mod xieraq ta’ kif ghandhom jinzammu l-annimali. Jidher mill-provi migjuba quddiem il-Qorti illi l-imputat naqas li josserva dawn id-dettami tal-ligi.

Illi l-qrati taghna dejjem ippenalizzaw lil min jahqar lil annimali. Sahansitra f’sentenza moghtija fl-1953 mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (per Imhallef William Harding), il-Qorti stqarret:

“It-trattament tajjeb ta’ l-annimali huwa haga li tindika l-grad ta’ civilita’ ta’ poplu; u hu xieraq, li l-attijiet ta’ mohqrija ta’ annimali jigu denunzjati, u li l-Pulizija, meta l-provi jissostanzjaw id-denunzja, tipprocedi sabiex min ghandu bzonn jigi mrazzan, u b’hekk jigi edukat fl-animal welfare.”

Ghalhekk l-akkuzi kollha jirrizultaw ippruvati ghajr ghar-raba akkuza peress illi l-prosekuzjoni naqqset li tressaq provi f’dana ir-rigward.

Illi dwar piena, il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputat huwa ufficjal pubbliku fejn il-mansjonijiet tieghu jinkludu proprju l-harsien ta’ l-annimali. Madanakollu jidher illi l-fedina penali tieghu hija kwazi netta u li llum huwa nehha l-annimali kollha u ghalhekk ikkonforma ruhu mal-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikoli 8(2), 8(3) u 45(1) ta’l-Att 25 tas-sena 2001 u l-artikolu 8(1) u 8(2) ta’l-Avviz Legali 266 ta’ l-2003 b’mod specjali l-Iskeda annessa ma’ l-istess Avviz, filwaqt li tillibera lill-imputat mir-raba akkuza peress illi dina ma gietx ippruvata, issibu hati ta’l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti qieghda tordna lill-hati sabiex a tenur ta' l-artikolu 8(2) ta'l-Avviz Legali 266 ta' l-2003 inehhi l-annimali illi huwa ghandu fil-proprjeta tieghu jekk huwa ghadu ma ghamilx dana, kif ukoll tordna r-revoka ta' kull licenzja jew permess f'isem il-hati mahruga skond l-Att dwar il-Harsien ta' l-Annimali u ir-regolamenti li jaghmlu mieghu u dana ghal zmien sitt (6) xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------